## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 20 TA' SETTEMBRU, 2002**

**Avviz Numru 1420/02 AJD**
**Pater Finance Co. Limited**

**vs**

**Stephen Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Gunju, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf, mija u disgha u erbghin lira Maltin (Lm1,149.00) rappresentanti import ta' tlettaxx il-kambjala, wahda ta' Lm69.00 (bilanc) u tnax ta' Lm90.00 l-wahda, debitament accettati u skaduti minn Gunju 2001 sa Gunju 2002 rispettivament u mhux imhallsa (Dok. 1 sa 13).

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-28 ta' Mejju 2002 jammontaw ghal Lm48.00, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament

effettiv u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Jannar 2002 kontra l-konvenut

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Neville Camilleri in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf, mija u disgha u erbghin lira Maltin (Lm1,149.00) bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Jannar 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**